MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Numru 326/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ernest Cilia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ernest Cilia, bin Emanuel u Matilda nee Pisani, imwieled fl-4 ta' Frar 1961, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 141661(m), talli fis-7 ta' Settembru 2008 filghodu (**1**) saq m/c CBO-659 ghamla KYMCO ta' kulur *silver* minghajr licenzja tas-sewqan *group A* mahruga mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta; (**2**) saq m/c CBO-659 ghamla KYMCO ta' kulur *silver* minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni; (**3**) garr izjed minn persuna wahda bhala passiggier fuq l-imsemmi m/c CBO-659; (**4**) fl-istess data u fil-ghaxra ta' filghodu, fi Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex, u wara nofs in-nhar fi Triq il-Forn, Marsalforn uza l-vettura CBO-

659 u pparkeggja l-istess vettura fit-triq minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita` u mgedda kull sena; u (**5**) talli fis-7/9/08 f'Ghawdex wara s-saghtejn ta' wara nofs in-nhar, minkejja li kien ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, b'digriet nru 46/2008 AE datat 1/9/08 sabiex jaghti access ghall-wild komuni **V** lil Vjorka Pyrlog, irrifjuta li jaghmel dan minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-4 ta' Novembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti wara li qieset li t-tielet imputazzjoni ma gietx ippruvata u ddikjarat "procediment ezawrit" fil-konfront tal-hames imputazzjoni, u wara li kkunsidrat li r-raba' imputazzjoni hija "kompriza u involuta" fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni, sabet lill-imsemmi Ernest Cilia hati skond l-imsemmija l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet (bir-raba' kompriza u involuta kif inghad) – cioe` li saq il-*motor cycle* in kwistjoni minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr id-debita kopertura tal-assigurazzjoni - u kkundannatu multa ta' elfejn seba' mija u hamsin euro (€2,750);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ernest Cilia, minnu ppresentat fit-13 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi hu jigi liberat anke fejn instab hati;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli l-prosekuzzjoni ma ssodisfatx l-obbligu li tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu sal-grad li ma thalli ebda dubbju dettat mir-raguni; fit-tieni lok huwa jilmenta mill-fatt li l-ammissjoni tieghu maghmula ma' l-ufficjali tal-pulizija ma kienitx prova ammissibbli skond il-ligi peress li huwa qatt ma kien inghata t-twissija li dak li seta' jghid seta' jigi wzat bhala prova.

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li fil-gurnata ndikata fl-imputazzjoni Vjorka Pyrlog ghamlet rapport fil-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat fejn allegat li wara li l-appellant kien,

aktar kmieni dik il-gurnata stess, ha t-tliet itfal komuni taghhom biex jezercita d-dritt ta’ access fil-konfront taghhom kif stabbilit mill-qorti kompetenti, huwa kien naqas milli jirritorna lil wiehed minnhom, u cioe` lil **V.** Fissret ukoll li meta l-appellant ha dawn it-tfal, huwa kien rikkibhom kollha f’salt fuq il-mutur tieghu. Meta s-Surgent 1040 John Grima u l-Kuntistabbli 1097 Mario Casha marru Marsalforn fir-residenza tal-appellant u staqsewh jekk kienx veru li huwa kien ghabba t-tliet itfal f’salt fuq il-mutur, l-appellant cahad dan, u qal li huwa kien gab it-tfal fi tliet vjaggi separati mir-Rabat ghal Marsalforn. L-imsemmija ufficjali tal-pulizija sabu l-mutur in kwistjoni parkeggjat fit-triq. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li huma ghamlu rrizulta li l-ahhar li l-appellant kien hallas il-licenzja tieghu tas-sewqan kien 1991. L-appellant ammetta wkoll mal-ufficjali tal-pulizija li l-imsemmi mutur ma kellux il-licenzja tat-triq u anqas ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni. Skond ix-xhud Saviour Farrugia, l-ahhar li thallset il-licenzja tal-mutur (i.e. tat-triq) kien ghall-periodu 1/4/2007 sal-31/3/2008, u li ghalhekk fis-7 ta’ Settembru 2008 la kien hemm licenzja tat-triq u, per konsegwenza, anqas kopertura tal-assigurazzjoni skond il-ligi.

Logikament wiehed ghandu jibda mit-tieni aggravju, u cioe` li l-ammissjoni tal-appellant li hu nizzel it-tfal fi tliet vjaggi bil-mutur ma hix ammissibbli, ghax ma kienx inghata l-“caution”. Dan l-aggravju hu manifestament infondat u jirrazenta l-fieragh. Il-gurisprudenza kostanti u inveterata ta’ din il-Qorti – anke kollegjalment komposta – kif ukoll tal-Qorti Kriminali hi fis-sens li anke meta persuna tkun taht arrest u jkun hemm interrogatorju formali da parti tal-pulizija, in-nuqqas tat-twissija ma tirrendix l-ammissjoni “inammissibli” bhala prova, izda <u>tista’</u> talvolta<u> biss</u> tincidi fuq il-<u>volontarjeta`</u> ta’ dik l-ammissjoni, dwar liema volontarjeta` d-decizjoni tispetta lil min ghandu jiggudika dwar il-fatti (ara, fost hafna ohrajn, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Emmanuel Farrugia**, 20/1/1989). Addirittura anke l-*Code of Practice* tal-Pulizija dwar l-interrogazzjoni ta’ persuni <u>arrestati</u> (l-appellant ma kienx taht arrest) li jinsab fir-Raba’ Skeda tal-Kap. 164 jipprovdi, fil-partita 19, li “In-nuqqas ta’ osservanza ta’ xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ dan il-Kodici ma jinvalidax l-istqarrija li

tkun ittiehdet, kemm-il darba dak in-nuqqas ta' osservanza ma jkunx ixejjen il-volontarjeta` ta' l-istqarrija…". Is-sentenza ta' din il-Qorti, kolleggjalment komposta, tas-17 ta' Jannar 1994 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Carmelo sive Charles Tabone,** li ghaliha ghamel referenza l-abbli difensur tal-appellant, hija aktar unika milli rari, u trid necessarjament tinqara fil-kuntest tac-cirkostanzi eccezzjonalissimi ta' dak il-kaz, u cioe` meta Magistrat, fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*, fettillu jnterroga formalment persuna taht arrest minghajr ma jamministralha t-twissija. F'dak il-kaz il-pulizija li kienu qed jinvestigaw parallelament mal-Magistrat tant irrealizzaw li l-Magistrat kien ghamel *faux pas*, li l-ghada huma regghu interrogaw lil Tabone wara li tawh it-twissija ritwali, u hadulu stqarrija ohra. Gara, pero`, li l-Avukat Generali insista li jezibixxi fil-guri wkoll l-ewwel stqarrija. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-15 ta' Frar 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno sive Reno Mercieca v. Onor. Prim Ministru noe et**, ghalkemm ir-raguni principali moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' **Tabone** ghall-inammissibilita` ta' l-istqarrija (guramentata) maghmula lill-Magistrat kienet "li jkun perikoluz li [tali stqarrija] tingieb a konjizzjoni ta' min ghandu jiggudika fuq il-fatti – f'dan il-kaz il-gurati", wiehed jista' jintravvedi li dik il-Qorti kellha wkoll quddiem ghajnejha d-diffikulta` li kienet tinholoq li kieku, fil-kors tal-guri, kellha tigi kontestata l-volontarjeta` ta' dik l-istqarrija guramentata (fin-nuqqas tat-twissija, li hija prova *prima facie* ta' tali volontarjeta`), bil-possibilita` li l-unika persuna li setghet taghmel dik il-prova kien ikun dak il-Magistrat Inkwirenti! Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni ta' ligi li tghid mod iehor, ir-regola ghadha li n-nuqqas ta' twissija ma tirrendix aprioristikament inammissibbli l-istqarrija li tkun saret. Konsegwentement it-tieni aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Stabbilit, mela, li dak li qal l-appellant liz-zewg ufficjali tal-pulizija li marru biex jivverifikaw x'kien verament gara fir-rigward tat-tfal hi prova ammissibbli, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid dwar l-ewwel aggravju, stante li jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li fil-jum in kwistjoni l-appellant saq vettura bil-mutur minghajr licenzja

tas-sewqan, minghajr kopertura ta' l-assigurazzjoni, u li halliha parkeggjata fi triq pubblika. Ghalhekk anke dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------